MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2024

Appell numru 14/2024 LM

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Clive Scerri u l-istess Clive Scerri**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Citadel Insurance plc (C 21550)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Elmo Insurance Limited** kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Clive Scerri, u l-istess **Clive Scerri (K.I. Numru 0370182(M))** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta' u 'l-appellant Scerri' rispettivament, u flimkien 'l-appellanti'], minn lodo arbitrali

numru M6704/2023 mogħti fit-28 ta’ Frar, 2024, [minn issa ’l quddiem ‘il-lodo arbitrali’], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fi ħdan iċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem ‘iċ-Ċentru’], li permezz tiegħu ddeċieda t-talbiet tagħha fil-konfront tas-soċjetà intimata **Citadel Insurance plc (C 21550)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’], billi laqa’ l-eċċezzjoni tal-imsemmija soċjetà appellata fil-mertu, u ċaħad it-talbiet tal-appellanti, bl-ispejjeż kontrihom.

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa ’l quddiem ‘l-inċident’] li seħħ fl-20 ta’ Mejju, 2021, fi Triq Toni Zahra, Żejtun, bejn il-vettura numru ta’ reġistrazzjoni LCS-695 proprjetà tal-appellant Clive Scerri, u misjuqa minnu fil-ħin tal-inċidenti, u l-vettura numru ta’ reġistrazzjoni AQZ-081 proprjetà ta’ Jason Garage, u fil-ħin tal-imsemmi inċident misjuqa minn Eugenio Briffa.

## Mertu

3. L-appellanti istitwew proċeduri quddiem it-Tribunal fi ħdan iċ-Ċentru permezz tal-preżentata ta’ Avviż ta’ Arbitraġġ u Dikjarazzjoni fil-15 ta’ Ġunju, 2023, fejn talbu lill-Arbitru is-segwenti:

*“1. To declare respondent’s insured Eugenio Briffa solely responsible for the motor vehicle accident in question and for all resultant and consequential damages sustained by claimants.*

*2. To liquidate claimants’ damages in the total amount of €4,000.*

3. *To condemn respondent to pay claimant Elmo Insurance Limited the sum of €4,250 by way of damages and to pay claimant Clive Scerri the sum of €150 by way of damages.*
4. *To condemn respondent to pay all costs including the costs of a judicial letter filed on the 19th April 2023 against respondent and against its insured Eugenio Briffa.*
5. *To condemn respondent to pay legal interest on the* quantum *of damages claimed with effect from the 19th April 2023 until final payment.*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet permezz ta' Risposta ppreżentata fl-20 ta' Lulju, 2023, fejn issottomettiet li l-inċident imsemmi seħħ unikament tort tal-appellanti, u għalhekk hija ma kellha ssofri l-ebda danni.

**Il-lodo arbitrali**

5. L-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet li wassluh għad-deċiżjoni finali:

*"Kunsiderazzjonijiet*

9. *Illi r-risoluzzjoni tal-inċident in diżamina toffri ċerti sfidi, kawża fost oħrajn tan-nuqqas tal-pulizija eżekuttiva li nvestigat l-inċident li tħejji rapport b'mod li huwa mistenni f'soċjetà ċivilizzata u moderna, magħdud miegħu skizz tal-lok tal-inċident li jinkludi informazzjoni vitali u determinanti fosthom qisien adegwati u ritratti li juru l-pożizzjoni u l-kundizzjoni tal-vetturi konsegwenti għall-impatt. Kawża ta' din l-inkompetenza u kawża wkoll ta' sfortuna ulterjuri riżultanti mill-fatt illi ħadd mill-partijiet ma kellu l-moħħ u l-ħin jieħu ritratti tax-xena tal-inċident, dan it-Tribunal ta' Arbitraġġ, mogħni bis-setgħa li jagħmel deċiżjoni dwar ir-responsabilità għall-inċident, mhux biss jinstab sprovvist minn din l-informazzjoni li okkorrendo llum ma tistgħax aktar tinkiseb, iżda jinsab ukoll provist b'informazzjoni li hija saħansitra kontestata mill-partijiet.*
10. *Fir-rigward tar-responsabilità u da parti tiegħu, r-rikorrenti Clive Scerri jsostni illi huwa kien qiegħed jipproċedi fuq in-naħa t-tajba tat-triq meta lemaħ il-vettura misjuqa minn Briffa tikser lejn il-lemin tagħha, u ċioe lejn il-karreġġjata li fuqha kien qiegħed jipproċedi. Din il-verżjoni tal-fatti kif dettata minn Scerri hija*

*mandakollu kontestata minn Eugenio Briffa li jtenni illi Scerri kien qiegħed jipproċedi fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, dan x'aktarx kawża tal-konfigurazzjoni partikolari tat-triq.*

*B'rabta ma' dan it-Tribunal ħa qies tad-distanza bejn dik il-parti tat-triq fejn jispiċċa d-djuq u dik il-parti tat-triq li fiha seħħ l-impatt u josserva illi din id-distanza hija waħda sostanzjali, distanza li tiżboq il-mija u erbgħin metru. Għalkemm kull xufier huwa propens li jinkorri żball, it-Tribunal ma jqiesx illi għandha mis-sewwa d-dikjarazzjoni ta' Briffa illi huma ħafna (sic!) dawk il-vetturi li jinstaqu fil-karreġġjata l-ħażina fil-parti l-wiesa' ta' Triq Toni Zahra wara li jkunu proċedew bil-mod li proċeda Scerri. Filwaqt illi jidher illi l-konfigurazzjoni tat-triq tista' faċilment tagħti lok għal dan hekk kif wieħed joħroġ mill-parti d-dejqa tat-triq għall-parti aktar wiesa', xejn ma jindika illi xufier għandu jibqa' konfuż għal distanza ta' ċirka mija u ħamsin metru. Din il-kunsiderazzjoni naturalment ma teskludix illi dan ma setgħax kien il-każ fir-rigward tal-proċeduri odjerni, minkejja illi l-probabilità ta' dan, dejjem fil-fehma ta' dan it-Tribunal ta' Arbitraġġ, hija waħda minina.*

*Fit-tieni lok it-Tribunal ikkunsidra x-xhieda ta' Clive Scerri nkwantu ddepona illi l-vettura misjuqa minn Briffa kienet ser tipproċedi fid-direzzjoni ta' Triq Mattei, xhieda din li dan it-Tribunal iqis illi hija msejsa fuq mera presunzjoni. Huwa osservat fir-rigward u b'referenza għall-iskizz anness mar-rapport dwar l-inċident illi l-vettura misjuqa minn Briffa kienet aktar 'il quddiem mill-fetħa li kienet tippermetti l-passaġġ minn Triq Toni Zahra għal Triq Mattei. Issa huwa mifhum illi kemm -il darba kien minnu li Briffa kien ser idur lejn Triq Mattei, l-pożizzjoni tal-vettura tiegħu wara l-inċident kienet tkun aktar lura milli effettivament tidher. F'dan ir-rigward u b'rabta ma' dak li ngħad dwar il-kwalità tar-rapport mħejji mill-pulizija eżekuttiva huwa ulterjorment osservat illi filwaqt illi l-partijiet jikkontestaw diversi aspetti ta' dan l-iskizz, dan il-punt ma ġie minn ħadd minnhom kontestat. Lanqas ma tista' f'dan ir-rigward tiġi skartata x-xhieda ta' Eugenio Briffa u ibnu Rayscon Briffa fis-sens illi, bħal ma jsir diversi drabi, Eugenio kien ser iwaqqaf lil ibnu man-naħa tal-bandli sabiex ikun jista' jinżel mill-vettura. Hekk ukoll, ftit li xejn tista' tiġi skartata dik il-parti tax-xhieda ta' Clive Scerri in kwantu ddepona illi l-vettura misjuqa minn Briffa ma kienetx tant angolata fit-triq meta hu kiser lejn il-lemin, xhieda li tqanqal dubju dwar il-ħtieġa għall-manuvra evażiva li huwa wettaq.*

*Fit-tielet lok, it-Tribunal ħa qies tal-azzjoni li Scerri jiddikjara li ħa meta, skont hu, ra il-vettura misjuqa minn Briffa tikser lejn il-lemin tagħha. Jirriżulta għalhekk mhux kontestat illi Scerri ġibed ħesrem lejn il-lemin tiegħu u dan filwaqt li*

*jirriżulta illi oltre din il-manuvra evażiva ma għamel xejn aktar. Eugenio Briffa di fatti stqarr illi Clive Scerri kien baqa' għaddej bl-istess veloċità filwaqt li Scerri nnifsu jgħid li ma kienx hemm ħin jagħfas il-*brake. *Għalkemm mhux eskluż illi dan kollu ġara f'mument ta' paniku nstantanju li seta' ħakem lil Scerri, dan ma jfissirx illi dan l-inċident ma setgħax jiġi evitat jew se mai li l-portata tal-incident ma setgħatx tiġi mitigata. Fir-rigward huwa osservat illi Scerri nnifsu ddepona illi l-veloċità li biha kien qiegħed jipproċedi kienet ta' madwar 50 kilometru fis-siegħa, u ċioe l-massimu tal-veloicità permissibbli fiż-żona, iżda forsi mhux waħda mill-aktar idoneja. Kif tenniet l-abbli difensur tal-kumpannija konvenuta fil-mori tat-trattazzjoni, għandu jirriżulta illi manuvra evażiva fil-fetħa lejn ix-xellug kienet tkun aktar idoneja, u dan partikolarment tenut kont tal-veloċità baxxa li Eugenio Briffa, kif korroborat minn ibnu, jgħid li biha kien qiegħed jipproċedi, xhieda din li l-atturi ma ttentawx jikkontestaw.*

11. *Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal ta' Arbitraġġ huwa tenut illi jimxi bil-mod stabbilit f'ġurisprudenza paċifika u konstanti rigwardanti l-evalwazzjoni tal-provi, fosthom partikolarment illi jispetta l-ewwel u qabel kollox lill-parti li tallega li tressaq prova tal-allegazzjonijiet minnha vantati. Għalhekk, hija l-parti l-attriċi li qegħda permezz ta' dawn il-proċeduri tfittex dikjarazzjoni ta' responsablità fil-konfront ta' Eugenio Briffa li jseħħilha tressaq prova sodisfaċenti. Illi l-inċident* de quo *seħħ b'tortijiet lilu imputabbli. Fin-nuqqas ta' din il-prova japplika l-prinċipju li jinġabar fil-massima* actore non probante reus absolvitur;

*It-Tribunal iqis illi r-rikorrenti, fil-każ odjern, ma rnexxilhomx jegħlbu it-tragward tal-bilanċ tal-probabilitajiet għal dak li jirrigwarda d-dinamika tal-inċident u għalhekk dak li jirigwarda r-responsabilità għall-istess. Kunsidrat mod ieħor, minkejja illi r-rikorrenti jtennu illi l-kawża prossima tal-inċident kienet manuvra inaspettata u kuntrarja għar-regolamenti tat-traffiku li wettaq Eugenio Briffa, it-Tribunal ma jqiesx illi l-inċident seħħ għal din ir-raġuni. It-Tribunal huwa ferm aktar propens li jagħti piż lill-verżjonijiet mogħtija minn Eugenio Briffa u Rayscon Briffa u għalhekk iqis illi l-kawża prossima tal-inċident kienet x'aktarx riżultat ta' nuqqasijiet da parti ta' Clive Scerri. Kemm jekk dan it-Tribunal kellu jqis bħala veritiera l-verżjoni ta' Briffa illi Scerri kien għaddej fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, u kif ukoll kemm -il darba kellu jqis bħala veritiera l-verżjoni ta' Scerri u jqis illi Briffa kien tassew beda manuvra lejn il-lemin, għandu jirriżulta illi r-responsabilità taqa' f'kull każ f'ħoġor Clive Scerri. F'termini aktar preċiżi tenut kont tal-fatt illi t-talba tressqet mir-rikorrenti fil-konfront ta' Eugenio Briffa, għandu jirriżulta illi r-responsabilità għall-akkadut mhijiex ta' Eugenio Briffa. Kemm -il darba kellha*

*tirriżulta minnha l-ewwel minn dawn l-ipoteżi, n-nuqqas ta' responsabilità ta' Eugeno Briffa għall-inċident hija waħda ċara. Jirriżulta illi Eugenio Briffa ma jaħtix għall-inċident anke kemm -il darba kellha tirriżulta fondata t-tieni minn dawn l-ipoteżi, u dan peress illi ma jirriżultax illi Briffa kien ostakola t-triq minkejja li seta' kien beda manuvra u li għalhekk illi l-manuvra ta' Clive Scerri kienet waħda li mhux biss ma kienetx meħtieġa iżda li kienet ukoll sproporzjonata."*

## L-Appell

6. L-appellanti ħassew ruħhom aggravati bil-lodo arbitrali, u ntavolaw appell quddiem din il-Qorti fl-14 ta' Marzu, 2024, fejn qegħdin jitolbuha sabiex:

*"...takkolji dan l-appell u tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali mogħti miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ fit-28 ta' Frar 2024 fl-ismijiet premessi fejn, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet mressqa mis-soċjetà appellata Citadel Insurance plc, tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet kollha mressqa mill-appellanti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellata."*

Jgħidu li l-aggravji tagħhom huma dawn: (i) fid-dawl tal-provi li tressqu u anki tal-liġi kif applikata mill-Qrati, l-Arbitru kellu jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellata u jilqa' t-talbiet tagħhom; u (ii) l-osservazzjoni tal-Arbitru li l-veloċità li biha kien qed isuq l-appellant *"forsi mhux waħda mill-aktar idoneja"* kienet żbaljata, u huwa prinċipju stabbilit li sakemm il-veloċità ma tkunx il-kawża determinanti tal-inċident, il-konduċent m'għandux jinstab responsabbli, anki f'grad ta' kontributorjetà.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Is-soċjetà appellata ppreżentat it-tweġiba tagħha fis-16 t'April, 2024, fejn issollevat qabel xejn in-nullità tal-appell odjern stante li r-rikors ma kienx ġie nnotifikat lill-Arbitru *ai termini* tas-subartikolu 70A(2) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta'

Malta. Għal dak li jirrigwarda l-mertu, titlob sabiex din il-Qorti tiċħad l-appell, filwaqt li tikkonferma il-lodo arbitrali appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra jekk tassew huma nulli l-proċeduri odjerni, għaliex skont is-soċjetà appellata r-rikors tal-appell ma ġiex notifikat lill-Arbitru fit-terminu ta' ħmistax-il jum preskritt mis-subartikolu 70A(2) tal-Kap. 387. Tibda billi tqis dak li jgħid l-artikolu 70Ċ tal-Kap. 387 fir-rigward ta' arbitraġġi mandatorji, li permezz tas-subartikolu (2) tiegħu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 70A(2) tal-Kap. 387 għandhom ikunu wkoll applikabbli għalihom:

> "70Ċ. (1) Parti fil-proċedimenti tal-arbitraġġ mandatorju għandha d-dritt li tappella lill-Qorti tal-Appell kemm fuq fatti kif ukoll fuq punti ta' liġi li jitnisslu minn deċiżjoni finali magħmula fil-proċedimenti.
>
> (2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70(3), (4), (5) u (6), tal-artikolu 70A(2), tal-artikolu 70B(2) u l-artikolu 71A għandhom jgħoddu għal appelli magħmulin taħt dan l-artikolu"

9. Is-subartikolu 70A(2) tal-Kap. 387 jipprovdi kif ġej:

> "(2) Meta jiġi ppreżentat appell, ir-rikorrent għandu jinnotifka lill-arbitri u liċ-Ċentru kopja tar-rikors malajr kemm ikun prattikabbli iżda mhux iktar tard min ħmistax-il ġurnata wara l-preżentata tal-appell".

10. Il-Qorti tibda billi tikkunsidra dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu, 1949, fl-ismijiet **Carmelo Cassar Parnis *vs.* Gustavo Soler noe** dwar il-miżura estrema tan-nullità ta' att ġudizzjarju:

*"Illi huwa tajjeb li jingħad bħala osservazzjoni ta' indoli ġenerali, li n-nullitajiet jistgħu jew ikunu dikjarati "expressis" mil-liġi, jew ma jkunux hekk dikjarati; f'liema tieni ipotesi timponi ruħha n-nullità. Ma għandux jintesa li bħala regola ġenerali l-liġijiet u d-dottrina, u l-liġi tagħna in partikolari, ma jiffavorux l-istess nullitajiet, anzi jippropendu għat-teżi kemm jista' jkun tal-validità tal-att li jkun hemm diskussjoni fuqu".*

11. Tagħraf li l-Qrati ripetutament issenjalaw li n-nullità tal-att hija miżura estrema li tiġi mposta fejn in-nuqqas fl-att partikolari, kemm jekk dan huwa wieħed formali kemm jekk sostanzjali, huwa wieħed serju ferm u jwassal għal ksur ta' xi prinċipju ta' ġustizzja naturali, u għalhekk għal preġudizzju lil parti jew oħra. Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet **Vella et *vs.* Medserv Operations Limited**, (Cit. Nru. 1121/2006GCD), irriteniet is-segwenti:

*"Il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali; ma humiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu parti mezz biex tevadi l-obbligi tagħha jew biex taħli l-ħin. Kull partikolarità li trid il-liġi tkun "essenzjali" meta n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irremedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi tal-proċedura msemmija fuq."*

12. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Novembru, 1991, fl-ismijiet **Guido J. Vella A. & C.E. *vs.* Dr. Emmanuel Cefai LL.D.**, imbagħad qalet hekk:

*"In-nullità li qed jipprospetta l-konvenut, billi m'hix wahda li hija dikjarata espressament mil-liġi — artikolu 789(1)(a) Kapitolu 12, trid tkun wahda li hija neċessarja għaliex ħolqitlu preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'ohra ħlief billi l-att jiġi annullat — artikolu Kapitolu 12 — jew għaliex l-att nieqes minn xi partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi espressament — artikolu 789(l)(d). Dan juri illi n-nullità ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas — formali jew sostanzjali — fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali".*

13. Is-subartikolu 789(1) tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

> "(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –
>
> (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
> (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
> (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
> (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:"

14. Fil-każ odjern, il-liġi hija siekta dwar il-konsegwenzi li għandha ġġib magħha n-nuqqas tan-notifika tal-Arbitru, u għalhekk mhux applikabbli l-para. (a) tas-subartikolu 789(1) tal-Kap. 12 suċitat, u lanqas ma tirriżulta xi kwistjoni li taqa' fil-parametri tal-para. (b) tal-istess subartikolu. Il-Qorti tgħid li l-para. (ċ) mhuwiex applikabbli għall-każ odjern, għaliex in-nullità eċċepita mis-soċjetà appellata ma tolqot l-ebda rekwiżit tal-att ġudizzjarju nnifsu. Iżda tagħraf li l-eċċezzjoni tista' faċilment tiġi ttrattata taħt il-para. (d) tas-subartikolu 789(1) tal-Kap. 12.

15. B'riferiment għall-atti, il-Qorti tosserva li mir-riferta tal-Marixxall tal-Qrati li saret fil-25 ta' Marzu, 2024, l-istess Marixxall indika li huwa kien innotifika lil "Dr. Marco Ciliberti/Centru Arbitraġġ" dakinhar stess. Jirriżulta wkoll li għal xi raġuni, xi ħadd ingassa l-isem tal-Arbitru bil-lapes, iżda tagħraf li l-Marixxal m'għamel l-ebda notament ulterjuri. Il-Qorti tikkunsidra li n-natura odjuża tal-eċċezzjoni tan-nullità ta' att ġudizzjarju titlob mhux biss kjarezza u ċertezza fil-fatt li qiegħed jiġi allegat, iżda wkoll li jekk din ma tintlaqax ser iwassal għal ksur ta' prinċipju ta' ġustizzja proċedurali, u għalhekk preġudizzju lill-parti li tkun qiegħda tressaqha. Fil-każ odjern il-Qorti filwaqt li ma tagħraf l-ebda utilità tan-

notifika tal-Arbitru għall-proċeduri odjerni, tgħid li n-nuqqas ta' dik in-notifika mhijiex ser twassal għal ksur ta' xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali riżultanti f'ħsara identifikabbli lis-soċjetà appellata. Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li fiċ-ċirkostanzi partikolari, in-nullità hija konsegwenza wisq drakonjana għal nuqqas saħansitra inċert, u tiċħad it-talba tas-soċjetà appellata.

16. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti. Wara li dawn fissru l-verżjonijiet kunfliġġenti li offrew is-sewwieqa taż-żewġ vetturi rispettivi, għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggavju tagħhom fil-konfront tad-dikjarazzjoni ta' responsabbilità magħmula mill-Arbitru, huma elenkaw id-diversi konsiderazzjonijiet allegatament żbaljati li skont huma wasslu lill-Arbitru għad-deċiżjoni tiegħu. Dawn huma s-segwenti: (a) id-direzzjoni meħuda mill-vettura AQZ-081 kienet *'mera presunzjoni';* (b) fl-iskizz tal-Pulizija *'il-vettura misjuqa minn Briffa kienet aktar 'l quddiem mill-fetħa li kienet tippermetti l-passaġġ minn Triq Toni Zahra għal Triq Mattei"; (*ċ) ma setgħetx tiġi skartata x-xhieda ta' Eugenio Briffa u ta' Rayson Briffa, li tal-ewwel kien ser jieqaf man-naħa tal-bandli biex inizzel lil ibnu Rayson Briffa; (d) *'Ftit li xejn tista' tigi skarata dik il-parti tax-xhieda ta' Clive Scerri in kwantu ddepona illi l-vettura misjuqa minn Briffa ma kienitx tant angolata fit-triq meta hu kiser lejn il-lemin';* (e) l-Arbitru wera dubju dwar il-manuvra evażiva tal-appellant; (f) l-Arbitru osserva li *'il-velocità li biha kien qiegħed jipproċedi* [Scerri] *kienet ta' madwar 50 kilometri fis-siegha, u cioé l-massimu tal-velocità permissibbli fiż-żona, iżda forsi mhux waħda mill-aktar idoneja".* Filwaqt li l-appellanti jissottomettu li jeżistu raġunijiet suffiċjenti li jitolbu li l-Qorti għandha tistħarreġ il-provi li tressqu, u anki il-liġi u l-prinċipji applikabbli, jgħaddu sabiex jispjegaw għaliex l-appellant ma kellux jinstab responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Jibdew billi jissottomettu li fil-verżjonijiet

li Eugenio Briffa u Rayscon Briffa taw lill-Pulizija *a tempo vergine,* huma ma semmewx li l-appellant kien għaddej *wrong way,* jew li huma kellhom l-intenzjoni li jieqfu man-naħa tax-xellug tagħhom, jiġfieri n-naħa tal-bandli. Iżda din l-inkonsistenza fix-xhieda tagħhom, anki wara li ma pprovdew l-ebda spjegazzjoni sodisfaċenti għaliha waqt il-kontro-eżami tagħhom, ġiet imwarrba mill-Arbitru. Huma jinsistu li fejn jirriżultaw verżjonijiet kunfliġġenti, il-Qorti għandha tinvestiga liema waħda minnhom hija l-aktar verosimili, u dan filwaqt li tagħmel apprezzament tal-provi l-oħra oġġettivi u indipendenti sabiex b'hekk tasal fuq bilanċ ta' probabiltajiet għal deċiżjoni ta' min kien verament responsabbli għall-inċident *de quo,* u hawnhekk hija tagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-Qrati in sostenn tal-argument tagħha. Tikkontendi li l-verżjoni tal-imsemmija xhieda, saħansitra tikkorrabora x-xhieda tal-appellant li huwa ma kienx għaddej fuq in-naħa l-ħażina tat-triq meta għamel il-manuvra tiegħu sabiex jevita mpatt frontali mal-vettura AQZ-081. Jirrilevaw li għalhekk skont l-okkorrenza tal-Pulizija, Eugenio Briffa kien spjega li l-vettura tal-imsemmi appellant kienet *'vettura oħra li kienet ġejja fid-direzzjoni opposta tiegħi',* u Rayscon Briffa qal li *'vettura bajda kienet ġejja fid-direzzjoni opposta'.* L-appellanti jissottomettu li wkoll kien hemm diversi inkonsistenti oħra fix-xhieda ta' Eugenio Briffa u ta' Rayscon Briffa. Jirrilevaw li konvenjentement Eugenio Briffa kien xehed li huwa kien beħsiebu jwaqqaf lil ibnu Rayscon Briffa mal-ġenb ta' Triq Toni Zahra għaliex dan kien sejjer id-dar li kienet f'Triq Isqof F. Mattei, jiġifieri t-triq li kienet tinstab fid-direzzjoni li l-appellant kien rah isuq meta daħal fil-karreġġjata tiegħu. Jgħidu li għalkemm hawn issemmiet *zebra crossing,* ma tressqet l-ebda prova fir-rigward. Huma jirrilevaw li anki fix-xhieda tiegħu, Rayscon Briffa kien xehed li qabel l-inċident *"missieri kien qiegħed isuq fin-nofs tal-karreġġjata",* iżda in

kontro-eżami qal li *"missieri kien mal-ġenb xellugi tat-triq biex jibda jipparkja".* Dan filwaqt li jgħidu li fil-verżjoni li ta lill-Pulizija huwa kien iddikjara li *"dak il-ħin għalaqt għajnejja".* Jirrilevaw li fix-xhieda tagħhom, dawn it-tnejn kien urew li ma qablux mal-iskizz tal-Pulizija, iżda s-soċjetà appellata m'għamlet l-ebda kontro-eżami tal-Pulizija li kien għamel l-istess skizz. L-appellanti hawnhekk jagħmlu riferiment għall-ġurisprudenza fir-rigward tan-nuqqas li jsir kontro-eżami, u tikkontendi li dan kollu kellu jitfa' dubju serju fuq il-verżjonijiet rispettivi ta' Eugenio u Rayscon Briffa. Imbagħad l-appellanti jirrilevaw l-aħħar punt tagħhom dwar l-ewwel aggravju, liema punt jittratta l-kwistjoni tal-kawża prossima tal-inċident. Jgħidu li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-fatt li l-appellant Scerri kien dejjem konsistenti fix-xhieda tiegħu meta qal li huwa ried jibqa' għaddej fid-dritt, iżda l-istess ma setax jingħad dwar ix-xhieda ta' Eugenio Briffa. Kemm hu u anki ibnu Rayscon Briffa kienu qalu li l-istess Eugenio Briffa kien ser iwassal lil ibnu d-dar, u għalhekk anki jekk kellu jieqaf mal-ġenb tat-triq, huwa kien tenut ibiddel id-direzzjoni tas-sewqan tiegħu. Jikkontendu li dan isaħħaħ l-argument li kien proprju Eugenio Briffa li kkawża l-inċident in kwistjoni billi ħoloq ostakolu mhux mistenni f'karreġġjata prinċipali, u b'hekk issorprenda lill-appellant tant li ta lok għal azzjoni mmedjata u evażiva, li t-Tribunal saħansitra kkunsidra bħala sproporzjonata. Jgħidu li t-Tribunal ta piż lill-fatt li skont l-appellant *"il-vettura l-oħra ma kienitx tant angolata fit-triq",* iżda dan ma kienx ifisser li Eugenio Briffa ma kienx daħal fuq il-karreġġjata tal-appellant, jew li dan tal-aħħar seta' jieħu azzjoni evażiva differenti minn dik li effettivament ħa. L-appellanti jinsistu li minn dan kollu għandu jirriżulta li l-kawża prossima tal-inċident kienet il-manuvra azzardata ta' Eugenio Briffa, li saq fil-karreġġjata tal-appellant. It-tieni aggravju tal-appellanti huwa li l-veloċità tal-vettura tal-appellant ma kinitx fattur

determinanti. Għandu jingħad li hawnhekk l-appellanti jaqbdu punt partikolari li diġà ssollevaw meta fissru l-ewwel aggravju. Jissottomettu li kuntrarjament għal dak li ġie osservat mill-Arbitru, l-appellant kien xehed li *"kont għaddej b'veloċità li ma taqbiżx 50km/hr".* Isostnu li għalhekk il-veloċità tiegħu kienet inqas minn ħamsin kilometru fis-siegħa, iżda wkoll jekk kellu jittieħed bħala stat ta' fatt dak li qal l-Arbitru dwar veloċità mhux daqstant idoneja, l-insenjament tal-Qrati kien wieħed paċifiku fil-ġurisprudenza.

17. Is-soċjetà appellata tibda billi tissottometti li l-ewwel aggravju li qegħdin iressqu l-appellanti jittratta l-apprezzament tal-provi li sar fl-ewwel istanza, u hawnhekk l-insenjament tal-Qrati huwa li tali li apprezzament fl-ewwel istanza m'għandux jiġi ddisturbat għajr għal raġunijiet serji, li fil-każ odjern ma jirriżultawx. Għal dak li jirrigwarda l-analiżi li għamel it-Tribunal, is-soċjetà appellata tissottometti li dan kien ikkunsidra dak li qal Eugenio Briffa dwar ir-raġuni għaliex l-appellant kien qiegħed isuq fil-karreġġjata żbaljata riżultanti mill-konfigurazzjoni tat-triq li titwessa' f'parti minnha. Tgħid li filwaqt li l-appellanti elenkaw ir-raġunijiet għalfejn it-Tribunal kien wasal għall-konklużjoni tiegħu, huma konvenjentement eskludew fatturi oħra. Is-soċjetà appellata tirrileva li t-Tribunal osserva li minbarra l-manuvra evażiva tiegħu, l-appellant ma kien għamel xejn aktar. Għalhekk skont l-appellant stess huwa kien naqas li jagħfas il-*brake,* u waqaf biss mat-trakk li kien ipparkjat fil-ġenb tat-triq. Għalhekk is-soċjetà appellata tgħid li t-Tribunal kkunsidra li l-inċident seta' wkoll ġie evitat, u tinsisti li l-effetti tiegħu wkoll setgħu ġew mitigati. Tinsisti li l-appellant ma kellux il-kontroll sħiħ fuq il-vettura tiegħu, u wisq probabbli kien qiegħed isuq fil-karreġġjata l-ħażina. Is-soċjetà appellata mbagħad tgħaddi sabiex tikkunsidra l-punti partikolari li tressqu mill-appellanti: (a) il-kumment tat-Tribunal li d-

direzzjoni li kienet ser tieħu l-vettura AQZ-081 kienet *'mera preżunzjoni'* kienet imsejsa fuq ix-xhieda tal-appellant stess; (b) il-konstatazzjoni tal-istess Tribunal li '*il-vettura misjuqa minn Briffa kienet aktar 'l quddiem'* hija stat ta' fatt li jirriżulta mill-iskizz tal-Pulizija u vverifikat minn Eugenio Briffa waqt ix-xhieda tiegħu; (ċ) il-korroborazzjoni tax-xhieda tirriżulta mir-rapport tal-Pulizija u mix-xhieda ta' Eugenio Briffa u ta' Rayscon Briffa, fejn l-intenzjoni ta' Eugenio Briffa kienet li jieqaf quddiem it-trakk sabiex iniżżel lil ibnu, u għalhekk kien qiegħed isuq bil-għaxar jew ħmistax-il kilometru fis-siegħa, fatt li ma ġiex ikkontestat mill-appellanti, u dan fejn imbagħad ibnu kien ser jaqsam it-triq minn fuq iż-*zebra crossing;* (d) in kontro-eżami l-appellant qal *"...illi l-vettura misjuqa minn Briffa ma kienitx tant angolata fit-triq"; (*e) ma kienx hemm *brake marks* fl-art, u saħansitra kien hemm fetħa fuq ix-xellug, li kienet tkun iktar idoneja għall-manuvra evażiva; (f) kien l-appellant li xehed li huwa kien *"għaddej b'veloċità li ma taqbsx 50km/hr".* B'hekk is-soċjetà appellata tikkontendi li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud. Dwar l-allegata inkonsistenza bejn dak li qalu Eugenio Briffa u Rayscon Briffa *a tempo vergine* u x-xhieda tagħhom, is-soċjetà appellata tgħid li fil-verità huma kienu kkonfermaw il-verżjoni tagħhom u daħlu wkoll f'iktar dettall, tant li Eugenio Briffa fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami xehed li *"mistoqsi hemmx xi raġuni għaliex lill-pulizija ma kontx għidtlu li Scerri kien ġej* wrong way, *ngħid li lill-pulizija jien għidtlu. Qed tinqarli l-verżjoni tiegħi dakinhar tal-inċident u ngħid illi jiena lill-pulizija għidtlu ħafna aktar minn dak li kiteb".* Is-soċjetà appellata taċċenna fuq il-verżjoni li l-appellant ta lill-Pulizija *a tempo vergine* dwar fejn kien sejjer Eugenio Briffa, kif tikkontrasta max-xhieda tiegħu stess. Tgħid li ma taqbilx ma' dak li qalu l-appellanti li l-verżjonijiet ta' Eugenio Briffa u Rayscon Briffa *a tempo vergine,* jikkorroboraw ix-xhieda tal-appellant, u

tissottometti li l-fatt li dawn qalu li raw il-vettura tiegħu ġejja mid-direzzjoni opposta, ma kienx jeskludi l-possibbiltà li huwa kien ġej fuq in-naħa żbaljata tat-triq. Is-soċjetà appellata tgħid li fil-verżjonijiet mogħtija fir-rapport tal-Pulizija ma tissemma l-ebda karreġġjata u lanqas is-senjaletika fit-triq. Is-soċjetà appellata tissottometti li dawn iż-żewġ persuni fix-xhieda tagħhom jikkorroboraw lil xulxin, u tispjega li Eugenio Briffa ma kienx qabel mal-iskizz tal-Pulizija għaliex dan ma juriex fejn saret l-ewwel ħabta. Is-soċjetà appellata tirrileva li x-xhud PS995 Christian Mangion ma jistax jitqies bħala xhud indipendenti u imparzjali ġaladarba huwa kien għażel li jipproċedi kriminalment kontra l-istess Eugenio Briffa, u x-xhieda tiegħu ma tistax titqies bħala xhieda ta’ espert. Is-soċjetà appellata tgħid li hija ma taqbilx mal-insenjament tal-Qrati fir-rigward ta’ fejn ma jsirx kontro-eżami, u dan kif ċitat mill-appellanti. Għal dak li jirrigwarda l-kawża prossima tal-inċident in kwistjoni skont kif ikkonkluda t-Tribunal, tgħid li l-provi ma kienux juru li Eugenio Briffa kien ħoloq xi ostakolu f’Triq Toni Zahra, u dan fejn il-manuvra tal-appellant ma kenitx meħtieġa u saħansitra kienet waħda sproporzjonata. Is-soċjetà appellata tgħid li t-Tribunal kkunsidra dak li kien qal Eugenio Briffa li kien jgħaddi xi tliet darbiet kuljum minn dik it-triq, filwaqt li spjega l-konfigurazzjoni tagħha, u dan fid-dawl tal-provi l-oħra, sabiex b’hekk imbagħad sab li l-kawża prossima tal-inċident kienet is-sewqan u l-manuvra li għamel l-appellant. Dwar it-tieni aggravju, is-soċjetà appellata tissottometti li hija tassew koinċidenza li l-veloċità li ndika l-appellant fix-xhieda tiegħu kienet proprju dik permissibbli fit-triq fejn seħħ l-inċident, kif tirriżulta mir-rapport tal-Pulizija. Tirrileva li għalkemm it-Tribunal kkunsidra l-veloċità tal-appellant bħala li setgħet ikkontribwiet għall-inċident in kwistjoni, imkien ma qal li dan seħħ minħabba l-veloċità eċċessiva tiegħu.

18. Wara li t-Tribunal fisser l-ilmenti tiegħu dwar in-nuqqas min-naħa tal-Pulizija Eżekuttiva li tħejji rapport u skizz bid-dettalji li jindikawl-pożizzjoni u l-kundizzjoni tal-vetturi rispettivi wara l-impatt, huwa għadda sabiex eżamina l-verżjoni li taw iż-żewġ sewwieqa nvoluti fl-inċident in kwistjoni. Hawnhekk huwa kkunsidra l-allegazzjoni li kien qiegħed jagħmel is-sewwieq tal-vettura AQZ-081 Eugenio Briffa, li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, x'aktarx minħabba l-konfigurazzjoni tal-imsemmija triq li minn waħda dejqa kienet titwessa'. Iżda wara li ttieħed d-debitu kejl, sab li l-parti d-dejqa kienet tispiċċa iktar minn mija u erbgħin metru bogħod minn fejn seħħ l-inċident, u għalhekk għalkemm ma setax jeskludi l-posibbilità li xufier ġej mill-parti d-dejqa jibqa' konfuż fi triqtu għal dak it-tul konsiderevoli, korrettement stqarr li dik il- posibbilità kienet waħda minima. It-Tribunal mbagħad ikkunsidra x-xhieda tal-appellant fejn dan kien qal li l-vettura misjuqa minn Eugenio Briffa kienet ser tipproċedi lejn Triq Isqof F. Mattei, iżda sewwa rrileva li din kienet biss preżunzjoni min-naħa tal-appellant. Huwa korrettement spjega li fl-iskizz esebit mar-rapport tal-Puliżija, il-vettura ta' Eugenio Briffa kienet tinstab aktar 'il quddiem mill-fetħa li tagħti għal Triq Isqof F. Mattei, u dan il-fatt ma kienx ġie kkontestat mill-partijiet.

19. Hawnhekk it-Tribunal qal ukoll li ma setgħetx tiġi skartata x-xhieda tal-imsemmi sewwieq Eugenio Briffa u ta' ibnu Rayscon Briffa, li kif kien jagħmel is-soltu s-sewwieq, kien ser iwaqqaf lil ibnu man-naħa tal-bandli sabiex jinżel. Korrettement ikkunsidra li hawnhekk kellha wkoll tiġi meqjusa x-xhieda tal-appellant Scerri, li qal li l-vettura misjuqa minn Eugenio Briffa ma kinitx daqstant angolata fil-ħin li huwa kiser lejn il-lemin. Għalhekk it-Tribunal ġustament esprima dubju dwar il-ħtieġa għall-manuvra tiegħu. Osserva wkoll korrettement

li ma kienx jirriżulta li l-appellant kien ħa xi azzjoni oħra, għajr li ġibed il-vettura tiegħu lejn il-lemin. Irrileva li Eugenio Briffa kien xehed li l-appellant kien baqa' jsuq bl-istess veloċità, u l-istess appellant stqarr li huwa ma kellux il-ħin li jagħfas il-*brake*. It-Tribunal osserva li l-appellant stess kien xehed li dak il-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar ħamsin kilometru fis-siegħa, jiġifieri l-massimu tal-veloċità permissibbli f'dik il-lokalità, iżda qal li din forsi ma kinitx waħda daqstant idoneja. Il-Qorti hawnhekk Iżżid tgħid li kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellata, fl-ebda ħin it-Tribunal ma stqarr li dik il-veloċità b'xi mod ikkontribwiet għall-inċident in kwistjoni. Imbagħad b'riferiment għal dak li qalet l-abbli difensur tas-soċjetà appellanta waqt it-trattazzjoni, kien ikun iktar korrett l-appellant li kieku kiser lejn ix-xellug, u dan tenut kont tal-veloċità baxxa tas-sewwieq l-ieħor, fatt ikkorroborat minn ibnu Rayscon Briffa, u liema xhieda ma ġietx ikkontestata mill-appellanti.

20. It-Tribunal stqarr li hawnhekk kellhom ikunu l-appellanti li jressqu prova sodisfaċenti tal-allegat tort ta' Eugenio Briffa għall-inċident in kwistjoni, u fin-nuqqas kellu japplika l-prinċipju *actore non probante reus absolvitur.* Imma l-appellanti ma rnexxielhomx jagħmlu dan, u huwa kien tal-fehma li l-imsemmi inċident ma seħħx tort tal-manuvra li għamel Eugenio Briffa meta dan allegatament ostakola t-triq, iżda kien riżultat tan-nuqqasijiet min-naħa tal-appellant meta għamel manuvra mhux meħtieġa u saħansitra sproporzjonata.

21. Il-Qorti tikkondividi dan ir-raġunament tal-Arbitru, u ma ssibx xejn x'tiċċensura fl-osservazzjonijiet tiegħu. Tagħraf li tassew huwa kien rinfaċċjat b'verżjonijiet kunfliġġenti taż-żewġ sewwieqa li kienu qegħdin isuqu f'direzzjonijiet opposti għal xulxin, u għalhekk huwa korrettement fil-kuntest tal-

imsemmija verżjonijiet, straħ fuq provi oħra, partikolarment dawk marbuta mal-post fejn seħħ l-inċident, u l-pożizzjoni tal-vetturi wara l-impatt. Filwaqt li l-Qorti tgħid li hija tikkondividi dak kollu li qal it-Tribunal u tagħmlu tagħha, tgħid ukoll li m'għandha xejn aktar x'iżżid.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tiċħdu, u dan filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**